Council's Offices, 11, 'Three Villages', Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin BZN 11 against a payment of Lm20 for each tender document as from Monday, 17th October 2005, during normal office hours (from 8.30 a.m. to 12.30 p.m. or from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.). These may also be viewed at the Council's Offices free of charge.

One can tender for one item only from the Tender Services offered.

Tenders will be opened to the public at 6.00 p.m. of the same day.

The Council reserves the right to refuse any offer.

11th October, 2005

KUNSILL LOKALI BALZAN

Il-Kunsill Lokali Balzan jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Ottubru 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar matul il-ġranet tax-xogħol biss fil-kaxxa ta' l-offerti li tinsab fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Balzan, għal:-

Avviż Nru. B.P. 1/05. Xogħol ta' *upgrading* tal-*playing field* ta' Ħal Balzan u kostruzzjoni ta' latrina pubblika.

Speċifikazzjonijiet dettaljati, li kopji tagħhom jistgħu jinkisbu għall-prezz ta' Lm10, jistgħu jiġu eżaminati waqt il-ħin normali ta' l-uffiċċju mingħajr ħlas.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Għal aktar tagħrif wieħed jista' jċempel l-Kunsill Lokali Balzan fuq 21442323.

Il-11 ta' Ottubru, 2005

BALZAN LOCAL COUNCIL

The Balzan Local Council notifies that:-

Sealed tenders may be deposited only between 9.00 a.m. and noon during office hours in the tender box at the Balzan Local Council's office by not later than 11.00 a.m. of Friday, 28th October 2005, for:-

Advt. No. B.P. 1/05. Upgrading of the Balzan playing field and the construction of a public convenience.

Detailed specifications, copies of which may be obtained on the payment of Lm10, may be inspected during normal office hours free of charge.

Tenders will be opened in public on the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

For further information one can call the Balzan Local Council on 21442323.

11th October, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2061

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Settembru 2005, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1777/04 fl-ismijiet Maltacom p.l.c. (C 22334) vs Reflex Computer Systems (Malta) Limited (C 18703) ordnat illi l-imsemmi Mandat jiġi notifikat lis-soċjetà intimata bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

(Kreditur) Maltacom plc (C 22334)
vs
(Sekwestrat) Reflex Computer Systems (Malta) Limited (C 18703).

Rikors ta' Maltacom plc.

Jingħad bil-qima;

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'idejn is-sekwestratarju jew sekwestratarji kif jisemma hawn isfel, kontra s-sekwestrat għall-kreditu infraskritt u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura, in eżekuzzjoni tat-titolu esekuttiv hawn isfel imsemmi.

Kreditu Sorti. Lm6,409.68 (sitt elef erba' mija u disa' liri u tmienja u sittin ċenteżmu) in kwantu għal Lm3,837.77 (tlett elef tmien mija u sebgħa u tletin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu) skond sentenza ta' din il-Qorti datata 3 ta' April 2000 (Ċit. Nru 197/98) u Lm2,571.91 (elfejn u ħames mija u wieħed u sebgħin lira u wieħed u disgħin ċenteżmu) skond sentenza ta' din Onor. Qorti datata 12 ta' Marzu 2003 (Ċit. Nru 2722 (79).

Imgħax. Lm1703.76 (elf seba' mija u tliet liri u sitta u sebgħin ċenteżmu) skond annessa taxxa mmarkata Dok 'A' u Dok. 'B'.

Spejjeż. Lm761.95 (seba' mija u wieħed u sittin lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu) imgħax ikkalkulat bir-rata ta' 8% mid-data tas-sentenza sat-3 ta' Ottubru 2004 u in kwantu għal Lm1,381.59 (elf tliet mija u wieħed u tmenin lira u disgħa u ħamsin ċenteżmu) dovuti għas-somma dovuta skond sentenza (Ċit. Numru 197/98NA) u sas-6 ta' Ottubru 2000 inkwantu għal Lm322.17 (tliet mija tnejn u għoxrin lira u sbatax-il ċenteżmu) dovuti fuq is-somma dovuta skond sentenza Ċit. Nru 2722/99, salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Totali Lm8,875. 39 (tmint elef tmien mija u ħamsa u sebgħin lira u disgħa u tletin ċenteżmu).

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 16th September 2005, in the records of the Garnishee Order number1777/04, in the names Maltacom p.l.c. (C 22334) vs Reflex Computer Systems (Malta) Limited (C 18703) ordered that the said Warrant be notified upon the respondent company by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

(Creditor) Maltacom plc (C 22334)
vs
(Debtor) Reflex Computer Systems (Malta) Limited (C 18703)

Application of Maltacom plc.

Respectfully requests;

That this Honourable Court orders the issue of a garnishee order to be executed on the garnishee or garnishees as hereinafter mentioned, against the debtor for the debt herein mentioned and for the costs of this procedure in execution of the executive title herein after mentioned.

Credit Capital. Lm6,409.68 (six thousand four hundred and nine liri and sixty eight cents) as for Lm3,837.77 (three thousand eight hundred and thirty seven liri and seventy seven cents) according to a judgement of this Court dated 3rd April 2000 (Writ of Summons number 197/98) and Lm2,571.91 (two thousand five hundred and seventy one Maltese liri ninety one cents) according to a judgement of this Hon. Court dated 12th March 2003 (Writ of Summons No. 2722 (79).

Interest. Lm1,703.76 (one thousand seven hundred and three liri and seventy six cents) according to the attached tax marked Doc. 'A' and Doc. 'B'.

Costs. Lm761.95 (seven hundred and sixty one liri and ninety five cents) interest calculated at the rate of 8% from the date of the judgement of the 3rd October 2004 and as for Lm1,381.59 (one thousand three hundred and eight one liri and fifty nine cents) due for the sum due according to a judgement (Writ of Summons Number 197/98 NA) and till the 6th October 2000 as for Lm322.17 (three hundred and twenty two liri and seventeen cents) due on the sum due according to a judgement Number 2722/99, saving any further intertest till the date of effective payment.

Total Lm8,875.39 (eight thousand eight hundred and seventy five liri and thirty nine cents).

Titolu Eżekuttiv: Żewg Sentenzi ta' din l-Onor. Qorti deċiżi 3 ta' April 2000 Ċit. Numru 197/98 NA u 12 ta' Marzu 2003 Ċit. 2722/99 GV.

Sekwestratarju/i. 1. APS Bank.
2. Lombard Bank.
3. Bank of Valletta.
4. HSBC Bank.
5. The Treasury

iff. Avukat Dott. Ingrid Zammit Young, LL.D.

Prokuratur Legali: Noel Scerri, BA LP.

Illum 3 ta' Novembru 2004.

Ippreżentat minn PL Noel Scerri 4 erba' dok.

Sekwestrant: Maltacom plc, Spencer Hill, Marsa.

Sekwestrat: Reflex Computer Systems (Malta) Limited, 4, Tower Gate Court, Tower Gate Street, l-Imsida.

Sekwestratarji: APS Bank, Triq Santa Anna, il-Furjana.
Bank of Valletta, St. Christopher Street, Valletta.
HSBC Bank, Triq ir-Repubblika, Valletta.
Lombard Bank, Triq ir-Repubblika Valletta.
It-Tezor, il-Furjana.

Notifika lil: Reflex Computer Systems Ltd, 4, Tower Gate Street, L-Imsida.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor. J. Azzopardi, LL.D., Duttur tal-Liġi, Imħallef tal-Qorti hawn fuq imsemmija 3 ta' Novembru 2004.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 5 ta' Ottubru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Executive Title: Two judgements of this Hon. Court decided on the 3rd April 2000, Writ of Summons No. 197/98 NA and the 12th March 2003 Writ of summons 2722/99 GV.

Garnishee/s. 1. APS Bank.
2. Lombard Bank.
3. Bank of Valletta.
4. HSBC Bank.
5. The Treasury.

Sgd. Advocate Dr Ingrid Zammit Young, LL.D.

Legal Procurator: Noel Scerri, BA LP.

Today 3rd November 2004.

Filed by LP Noel Scerri 4 doc.

Creditor: Maltacom plc, Spencer Hill, Marsa.

Debtor: Reflex Computer Systems (Malta) Limited, 4, Tower Gate Court, Tower Gate Street, Msida.

Garnishees: APS Bank, Saint Anne Street, Floriana.
Bank of Valletta, St. Christopher Street, Valletta.
HSBC Bank, Republic Street, Valletta
Lombard Bank, Republic Street, Valletta.
The Treasury, Floriana.

Notify: Reflex Computer Systems Ltd, 4, Tower Gate Street, Msida.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. J. Azzopardi, LL.D., Doctor of Laws, Judge of the above Court above mentioned, 3rd November 2004.

Registry of the Superior Courts, today 5th October 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2062

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) fit-22 ta' Awissu, 2005 fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 24 ta' Novembru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-22 ta' Awissu, 2005 li għandu jsir f'MCP Car Park, il-Furjana ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand BEN MILEND JOSETTE.

1. Vettura Kia Shuma bin-numru tar-reġistrazzjoni JOS-666.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (MALTA), illum it-Tlieta, 30 ta' Awissu, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (MALTA) on 22 August, 2005 on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Thursday, 24 November, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 22 August, 2005 to be held at MCP Car Park, Floriana of the following items seized from the property of BEN MILEND JOSETTE.

1. Motor vehicle Kia Shuma with registration number JOS-666.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 30 August, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2063

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi permezz ta' rikors ippreżentat minn Norman Calleja u oħrajn rikors numru 621/2005, fejn talbu li tiġi iddikjarata miftuħa favur Charles sive Nenu Cutajar (ħu d-decujus) u dan fi kwota ta' (1/4) indiviż; favur ulied il-mejta Carmela sive Nena Calleja née Cutajar (oħt id-decujus) u cioé favur Norman, Charles u Joseph ilkoll aħwa Calleja u dan fi kwota ta' dodiċesima parti (1/12) indiviża kull wieħed; favur ulied il-mejta Assunta Spiteri née Cutajar (oħt id-decujus) u cioé favur Francis u Doris Vassallo, aħwa Spiteri u dan fi kwota ta' ottava parti (1/8) indiviża kull wieħed u waħda minhom u favur l-eredità tal-mejjet Giuseppi Cutajar (ħu id-decujus) u cioé favur Concetta Cutajar u Joseph Cutajar, mart u iben l-istess Giuseppe Cutajar rispettivament u dan fi kwota ta' ottava parti (1/8) indiviża kull wieħed u waħda minnhom l-istess is-SUĊĊESSJONI ta' Rosina Cutajar, xebba, bint il-mejtin Giuseppe Cutajar u Assunta née Cauchi, imwielda l-Marsa, kienet toqgħod il-Ħamrun u mietet Pietà fit-28 ta Ottubru 2004, ta' 74 sena kellha karta ta' l-identità numru 298930(M) bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 10 ta' Ottubru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed by Norman Calleja and others application number 621/2005, whereby they asked that it be declared open in favour of Charles sive Nenu Cutajar (brother of the decujus) and this in the quota of (1/4) undivided; in favour of the children of the deceased Carmela sive Nena Calleja née Cutajar (sister of the decujus)and this in favour of Norman, Charles and Joseph all brothers Calleja and this in the quota of one-twelfth (1/12) undivided share each; in favour of the children of Assunta Spiteri née Cutajar (sister of the decujus) and this in favour of Francis and Doris Vassallo, brother and sister Spiteri and this in the quota of one-eight (1/8) undivided share in favour of each one of them and in favour of the estate of the late Giuseppi Cutajar (brother of the decujus) and that is in favour of Concetta Cutajar and Joseph Cutajar, wife and son of the same Giuseppe Cutajar respectively and this in the quota of one-eight (1/8) undivided share in favour of each one of them, the SUCCESSION of Rosina Cutajar, unmarried, daughter of the late Giuseppe Cutajar and Assunta née Cauchi, born in Marsa, resided in Ħamrun and died in Pietà on the 28th October 2004, intestate, aged 74, had identity card number 298930(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq of the Code of Organiosation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 10th October 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

2064

B'digriet moghti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Awissu, 2005 fuq rikors ta' MIFSUD SIMON NOE. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 18 ta' Ottubru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-Bejgħ bl-Irkant li kien ġie ordnat b'digriet tat-22 ta' Awissu, 2005 li għandu jsir f'149, Triq id-Dejqa, Valletta, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin minghand RC BUILDING AND ADVISORY GROUP LTD.

1. Fax machine, 2 file cabinets, skrivanija u ħafna affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (MALTA), illum it-Tlieta, 30 ta' Awissu, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Court of Magistrates of Magistrates (Malta) on 22 August, 2005 on the application of MIFSUD SIMON NOE., Tuesday, 18 October, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the Sale by Auction ordered by a decree given on the 22 August, 2005 to be held at 149, Triq id-Dejqa, Valletta, of the following items seized from the property of RC BUILDING AND ADVISORY GROUP LTD.

1. Fax machine, 2 file cabinets, office desk and lots of other similar items.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 30 August, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2065

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Lulju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2238/05, fl-ismijiet Thomas Demajo vs Angel Attard, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lill-intimata bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Lil Angel Attard (18777M)

Illum 12 ta' Mejju 2005

Permezz tal-preżenti Thomas Demajo (501525M), filwaqt li jirreferi għax-xogħlijiet li inti għamilt fis-saqaf ta' l-appartament numru 19, 247 Żabbar, Fgura kif ukoll għat-tqegħid ta' membrane fuq il-bejt ta' l-istess appartament, liema xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa (Ara Dok. A), jinterpellak sabiex fiż-żmien jumejn tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-mittent bħala riżultat tax-xogħol ħażin magħmul minnek.

Jekk tonqos jittieħdu passi ulterjuri mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

Mittenti: Villa Belair, Valletta Road, l-Imdina.

Intimati: 1) Flat 11, 247, Żabbar Road, Fgura.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 5 ta' Ottubru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th July 2005, in the records of the judicial letter number 2238/05, in the names Thomas Demajo vs Angel Attard ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

To Angel Attard (18777M)

Today 12th May 2005

By the present Thomas Demajo (501525M), whilst referring to the works you carried out in the roof of the apartment number 19, 247, Żabbar, Fgura, as well as to the laying of membrane on the roof of the same apartment, which work was not carried out according to the art and trade (see Doc. A), calls upon you so that within two days you come forward to the liquidation and payment of damages suffered by the interpellant as a result of the bad work carried out by you.

If you fail further steps will be taken against you without any other prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs and with interest till the date of effective payment.

Interpellant: Villa Belair, Valletta Road, Mdina.

Respondents: 1) Flat 11, 247, Żabbar Road, Fgura.

Registry of the Superior Courts, today 5th October 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2066

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) fit-22 ta' Awissu, 2005 fuq rikors ta' LENTINI JOHN NOE ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 3 ta' Novembru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-22 ta' Awissu, 2005 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ZAMMIT PAUL.

1. Salott, television, side table u oġġetti oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (MALTA), illum it-Tlieta, 30 ta' Awissu, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (MALTA) on 22 August, 2005 on the application of LENTINI JOHN NOE, Thursday, 3 November, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 22 August, 2005 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of ZAMMIT PAUL.

1. Sitting room suite, television set, side table and similar items.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 30 August, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2067

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Settembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 2267/99 RCP, fl-atti taċ-Ċitazzjoni fl-ismijiet, Pierre Griscti vs Juanita Griscti ordnat illi t-taħrika tax-xhieda hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil-intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 20th September 2005, in the records of the Writ of Summons Number 2267/99RCP, in the records of the Writ of Summons in the names Pierre Griscti vs Juanita Griscti ordered that the summons of witness hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Mandat għat-taħrik ta' xhieda u/jew biex jinġiebu dokumenti quddiem il-Qorti/quddiem perit.

Warrant for the summons of witness and/or to bring documents before the Court/legal referee.

Fil-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet (Sezzjoni Familja)

In the Civil Court, in the case in the names, (Family Section)

Ċit Numru 2267/99RCP

Writ of Summons no 2267/99RCP

Pierre Grixti Vs Juanita Grixti

Pierre Grixti Vs Juanita Grixti

Diff.24/11/05

Put off 24/11/05.

Rikors ta' Juanita Grixti

Application of Juanita Grixti

Jintalab bir-rispett il-ħruġ ta' mandat ta' taħrik ta' xhieda fil-kawża msemmija hawn fuq kontra l-persuna msemmija aktar 'l isfel u għas-seduta u ħin indikati, u/jew iġġib magħha d-dokumenti.

Prays with respect for the summoning of evidence in the cause mentioned above against the person mentioned hereunder and for the sitting and time indicated, and/ to bring with her the documents.

Persuna biex titħarrek b'xhud: 1.Laura Griscti

Person to be summoned as witness: 1. Laura Griscti

Indirizz: 1. 11, Melita Street, Tas-Sliema.

Address: 1. 11, Melita Street, Sliema.

Jum u ħin li fih għandha tidher u fejn: Fit-18 ta' Ottubru 2005 f'nofsinhar, fit-tieni sular tal-bini tal-Qorti quddiem il-Perit Legali Dott. Irene Bonello.

Day and time where and when she is to appear on the 18th October 2005 at 12.00 noon, in the second floor building of the Court before the Legal Referee Dr Irene Bonello.

Dokumenti li għandha ġġib magħha.

Documents which she is to produce.

Id-dokumenti kollha illi jirrigwardaw il-kontijiet tagħha waħedha jew flimkien mat-terzi ma' Rothschild Asset Management (C.I.) Ltd u/jew Insight Investments Management (C.I.) Ltd inkluż il-kont numru: 11994.

All the documents that relate to her accounts alone or with third parties with Rothschild Asset Management (C.I.) Ltd and/or Insight Investments Management (C.I.) Ltd including the account number: 11994.

Iff. Avukat S. Thake, LL.D.

Sgd. Advocate S. Thake, LL.D.

Iff. Prokuratur Legali M. Anastasi L.P.

Sgd. Legal Procurator M. Anastasi L.P.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja bix-xhieda ta' l-Onor. RC Pace, Duttur tal-Liġi, Imħallef ta' din il-Qorti.

Given by the Civil Court Family Section with the witness of the Onor. R C Pace, Doctor of Laws, Judge of this Court.

Illum 26 ta' Settembru 2005.

Today 26th September 2005.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 7 ta' Ottubru 2005.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 7th October 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2068

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fid-29 ta' Lulju, 2005 fuq rikors ta' KUMMISSARJU TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, it-23 ta' Novembru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-Bejgħ bl-Irkant li kien ġie ordnat b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2003 li għandu jsir f'Raymen, Triq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin minghand Buhagiar Raymond.

1. Photocopier, skrivaniji, grandfather clock, sufan u pultruna u oġġetti oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, l-Erbgħa, 28 ta' Settembru, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 29th July, 2005 on the application of KUMMISSARJU TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD, Wednesday, 23rd November, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the Sale by Auction ordered by a decree given on the 11th November, 2003 to be held at Raymen, Triq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ of the following items seized from the property of Buhagiar Raymond.

1. Photocopier, desks, grandfather clock, sofa and an armchair and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 28th September, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2069

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fid-29 ta' Lulju, 2005 fuq rikors ta' MICHAEL ATTARD LIMITED ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 16 ta' Novembru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-11 ta' Marzu, 2004 li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand BUHAGIAR RAYMOND ET.

Żewġ ċpiepet tad-deheb ta' 18-il karat, katina tad-deheb ta' 18-il karat, ċurkett tad-deheb ta' 18-il karat, choker tad-deheb ta' 18-il karat u oġġetti oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 29 July, 2005 on the application of MICHAEL ATTARD LIMITED, Wednesday, 16 November, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 11 March, 2004 to be held at FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA of the following items seized from the property of BUHAGIAR RAYMOND ET.

Pair bangles of 18kt. gold, chain 18 kt. gold, ring 18 kt. gold, choker of 18 kt. gold, and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 27th September, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts andTribunals

2070

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Awissu 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 918/04 JRM, fl-ismijiet Borg Mario et vs Borg Joseph, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Mario u Joseph aħwa Borg, ippreżentaw Ċitazzjoni fis-26 ta' Novembru 2004, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra Joseph Borg, fejn talbu l-konvenut għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konċessjoni enfitewtika temporanja stipulata fil-kuntratt pubbliku tat-30 ta' Marzu 1983, redatt min-Nutar Dott. George Bonello Dupuis (Dok A) illum skadiet u li għalhekk il-konvenut m'għadx għandu titolu validu;

2. Tordna l-konvenut konsegwentement jirrilaxxja u jirritorna lura lill-atturi l-fond Flat 1, Sunshine Flats, D' Argens Junction, l-Imsida;

3. Tordna l-konvenut iħallas lill-atturi dak il-kumpens xieraq li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti għal użu tal-fond Flat 1, Sunshine Flats, D'Argens Junction, l-Imsida, għal perijodu li jirriżulta, kif ukoll għal ħsarat li jista' jkun hemm fil-fond in kwistjoni.

Bl-ispejjeż inklużi u l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Konvenut: 1, Sunshine Flats,
Johnny Catania Street,
L-Imsida.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 918/2004 JRM, ġiet differita għat-3 ta' Novembru 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 29th August 2005, in the records of the Writ of Summons number 918/04 JRM, in the names Borg Mario et vs Borg Joseph ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Mario and Joseph brothers Borg, filed, a Writ of Summons on the 26th November 2004, in the First Hall Civil Court against Joseph Borg, wherein they asked the defendant why for the reasons premised this Honourable Court should not:

1. Declare and decide that the temporary emphyteutical concession stipulated in the public deed of the 30th March 1983, drawn up by Notary Dr George Bonello Dupuis (Doc A) has today lapsed and thus the defendant has no longer a valid title;

2. To order the defendant consequently to release and return back to the plaintiffs the premises Flat 1, Sunshine Flats, D'Argens Junction, Msida;

3. To order the defendant to pay to the plaintiffs the adequate compensation that shall be established by this Honourable Court for the use of the premises Flat 1, Sunshine Flats, D'Argens Junction, Msida, for the period that results and for the damages in the premises in question.

With costs, included and the defendant is summoned so that a reference to his evidence be made.

Defendant: 1, Sunshine Flats,
Johnny Catania Street,
Msida.

The cause Writ of Summons Number 918/2004 JRM, was put off to the 3rd November 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 6th October 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2071

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Awissu 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 771/04 JRM, fl-ismijiet Maryanne Mula vs Antonia Debono et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti Michael u Jeffrey aħwa Debono, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Mary Anne mart Mario Mula, ippreżentat Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ottubru 2004, kontra Antonia armla ta' Michele Debono, Maria Concetta mart Victor Bugeja, Marthese mart Raymond Cossai, Marie Louise Debono, Michael u Jeffrey aħwa Debono, werrieta ta' Philip Debono, fejn talbu l-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tillikwida l-wirt tad-decujus Michele Debono, kif ukoll is-sostanzi derivanti u provenjenti mill-istess wirt.

2. Tillikwida l-leġittima spettanti lill-attriċi skond il-Liġi mill-wirt tad-decujus Michele Debono, minn dawn l-assi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jassenjaw lill-attriċi l-leġittima hekk likwidata.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun fil-jum, ħin u lok li jiġu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, u kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż, konpriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali, datata 3 ta' Ġunju 2004, u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Notifika: Michael u Jeffrey Debono
Porto Paolo
Apartment 5,
Triq Bordino,
San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 12th August 2005, in the records of the Writ of Summons Number 771/04 JRM, in the names Maryanne Mula vs Antonia Debono et ordered the following publication for the purpose of service of the defendants Michael and Jeffrey brothers Debono, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

MaryAnne wife of Mario Mula, filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court on the 11th October 2004, against Antonia widow of Michele Debono, Maria Concetta wife of Victor Bugeja, Marthese wife of Raymond Cossai, Marie Louise Debono, Michael and Jeffrey brothers Debono, heirs of Philip Debono, whereby they asked the defendants why this Honourable Court should not:

1. Liquidate the inheritance of the decujus Michele Debono, as well as the assets deriving and forthcoming from the same inheritance.

2. To liquidate the legitim due to the plaintiff according to Law from the inheritance of the decujus Michele Debono, from these assets.

3. Condemn the defendants to assign to the plaintiff the legitim so liquidated.

4. To appoint a Notary Public to publish the relative deed on the day, time and place that shall be established by this Honourable Court, and curators to represent the eventual defaulters.

With costs, including those of the judicial letter dated 3rd June 2004, and with legal interest against the defendants who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Notify: Michael and Jeffrey Debono
Porto Paolo
Apartment 5,
Bordino Street,
Saint Paul's Bay.

Registry of the Superior Courts, today 6th October 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2072

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) fil-25 ta' Awissu, 2005 fuq rikors ta' UNITED ACCEPTANCES FINANCE LTD ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 13 ta' Ottubru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Awissu, 2005 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand VASWANI ANDREW ET.

1. Vettura Freelander reġistrazzjoni Nru. SHL-001.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (MALTA), illum l-Erbgħa, 14 ta' Settembru, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (MALTA) on 25 August, 2005 on the application of UNITED ACCEPTANCES FINANCE LTD, Thursday, 13 October, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25 August, 2005 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of VASWANI ANDREW ET.

1. Motor vehicle Freelander registration No. SHL-001.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Wednesday, 14 September, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2073

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ġunju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 1939/2005, fl-ismijiet May Cini vs Victor Camilleri, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lill-intimat Victor Camilleri, bħala direttur tal-kumpanija Comm. Lifts & Ser. Ltd a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 27 ta' April 2005

Lil Victor Camilleri bħala Direttur tal-kumpanija Comm. Lifts & Ser. Ltd u bħala tali għan-nom ta' l-istess kumpanija.

Permezz ta' dina l-ittra uffiċjali Mary Cini tagħmel riferenza għal ftehim li kien sar bejniethom fl-20 ta' Novembru 2001, rigward il-forniment u l-istallazzjoni minnek ta' passenger lift fil-fond tal-mittenti Victor Denaro Street, l-Imsida u in vista tal-fatt li inti wara li bdejt tagħmel xogħol imsemmi fl-istess ftehim, waqaft mill-istess xogħol nonostante d-diversi interpellanzi tal-mittenti, il-mittenti qiegħda kif inhi intitolata skond il-liġi tirrexindi l-istess ftehim.

Fl-istess ħin il-mittenti tinterpellak formalment biex inti fi żmien ġimgħa tirrifondilha bl-imgħax ta' 8% fis-sena is-somom ta' Lm1,530 u Lm1,850 imħallsa rispettivament akkont tal-prezz ta' Lm6,225 wara li titnaqqas minnhom is-somma dovuta skond il-liġi i.e. wara li jittieħed qies ta' l-ultilità ta' l-ispejjeż tiegħek u l-valur tax-xogħol tiegħek u d-danni li l-mittenti sofriet.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 23rd June 2005, in the records of the judicial letter number 1939/2005, in the names Mary Cini vs Victor Camilleri, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent Victor Camilleri, as director of the company Comm. Lifts & Ser. Ltd in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 27th April 2005

To Victor Camilleri as Director of the company Comm. Lifts & Ser . Ltd and as such on behalf of the same company.

By means of this judicial letter Mary Cini refers to the agreement which was made between you on the 20th November 2001 regarding the supply and installation by you of a passenger lift in the premises of the interpellant Victor Denaro Street, Msida and in view of the fact that after you started to carry out the work mentioned in the said agreement, you stopped from the same work notwithstanding the various callings of the interpellant, the interpellant as entitled by law is rescinding the said agreement.

At the same time the interpellant is formally calling upon you so that within a week you refund to her with interest at 8% per year the sums of Lm1,530 and Lm1,850 paid respectively on account of the price of Lm6,225 after deducting therefrom the sum due according to law i.e. after taking into consideration the utility of your expenses and the value of your work and the damages that the interpellant suffered.

Fin-nuqqas ta' ħlas fi żmien fuq imsemmi, il-mittenti tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Għandek tħallas l-ispejjeż ta' din l-ittra uffiċjali li qiegħda tintbagħat lilek skond it-terminu u għall-finijiet ta' l-Art. 1690 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

Notifika lil: Victor Camilleri bħala Direttur tal-Kumpanija
Comm Lifts & Ser. Ltd
'Penthouse'
Ave Maria Flats,
Bishop Caruana Street,
l-Imsida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Ottubru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

Failing payment within the time above mentioned, the interpellant shall proceed against you according to law.

You are to pay the expenses of this judicial letter which is being sent to you according to the period and for the purpose of Art. 1690 of the Civil Code (Cap. 16).

Notify: Victor Camilleri as Director of the Company
Comm. Lifts & Ser. Ltd
'Penthouse'
Ave Maria Flats
Bishop Caruana Str,
Msida.

Registry of the Superior Courts, today 5th October 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2074

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-27 ta' Settembru, 2005 fuq rikors ta' Joseph Azzopardi et. pro. et. nominee ġie ffissat il-jum tal-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ IN LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'digriet tas-6 ta' Novembru, 1998, li għandu sir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati, tal-fondi hawn taħt deskritti:

il-porzjoni ta' art magħruf bħala "Ix-Xagħra tal-Bandieri", aċċessibbli minn Dawret San Pawl, San Pawl il-Baħar, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 31,023.51 metri kwadri, stmata li tiswa Lm475,000.00ċ0

il-porzjoni ta' art magħruf bħala "Ta' Fuq il-Moll", tal-Veċċa, San Pawl il-Baħar, bil-fondi eretti fuqha numerati 380, 381, 382, 383, 384, 385, 386, 387, fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, tal-kejl superfiċjali komplessiv ta' ċirka 1,131.19 metri kwadri, stmata li tiswa Lm260,000.00ċ0
il-fond bin-numru 402, fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa Lm24,000.00ċ0
il-fond bin-numru 404, fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa Lm20,000.00ċ0
il-fond bin-numru 405, fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa Lm20,000.00ċ0

L-imsemmija propjetà tappartjeni lill-kollečitanti msemmija fl-Atti.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Albert Fenech fir-relazzjonijiet tiegħu maħlufa u anessa fl-Atti

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, l-4 ta' Ottubru, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on 27th September, 2005 on the application of Joseph Azzopardi et. pro. et. nominee; Friday 16th December, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY LICITATION ordered by a decree given on the 6th November, 1998 to be held in the Corridor of these Courts of the following property:

lands known as "Ix-Xagħra tal-Bandieri", accessible from Dawret San Pawl, St. Paul's Bay, measuring superficially 31,023.51 square metres, valued at Lm475,000.00c0

plot of land known as "Ta' Fuq il-Moll", measuring superficially 1,131.19, in the district "tal-Veċċa", St. Paul's Bay, on which land tenements numbered 380, 381, 382, 383, 384, 385, 386, 387, in St. Paul's Street, St. Paul's Bay are erected, valued at Lm260,000.00c0
Tenement number 402, St. Paul Street, St. Paul's Bay, valued at Lm24,000.00c0
Tenement number 404, St. Paul Street, St. Paul's Bay, valued at Lm20,000.00c0
Tenement number 405, St. Paul Street, St. Paul's Bay, valued at Lm20,000.00c0

These tenements are the property of all the collecitators mentioned in the said Judicial Acts.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Albert Fenech, A&CE.

Registry of the Superior Courts, this 4th day of October, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2075

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-23 ta' Settembru, 2005 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Lulju, 2005 fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA P.L.C. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 24 ta' Novembru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-20 ta' Frar, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-flat internament immarkat bin-numru 5, formanti parti minn blokk ta' appartamenti numerat 37, Triq ix-Xatt, tas-Sliema, stmat li jiswa Lm160,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Vivienne Scicluna.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Renè Buttigieg fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-13 ta' Ġunju, 2003.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum id-29 ta' Settembru, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 23rd September, 2005 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 26th July, 2005 on the application of BANK OF VALLETTA P.L.C., Thursday 24th November, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th February, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Flat internally marked 5, forming part of a block of apartments numbered 37, Triq ix-Xatt, Sliema, valued at Lm160,000.00c0.

The said tenement is the property of Vivienne Scicluna.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Renè Buttigieg A&CE on the 13th June, 2003.

Registry of the Superior Courts, today the 26th day of September, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2076

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-23 ta' Settembru, 2005 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2005 fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA P.L.C. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 3 ta' Novembru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-27 ta' Frar, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-penthouse bl-arja sovrastanti, formanti parti minn blokk ta' appartamenti jismu "Fawwara Buildings", fi Triq Ġużè Fava, Tas-Sliema, stmata li tiswa Lm475,000.00ċ0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Joecar Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Albert Fenech fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-10 ta' Lulju, 2003.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum id-29 ta' Settembru, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 23rd September, 2005 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 15th July, 2005 on the application of BANK OF VALLETTA P.L.C., Thursday 3rd November, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 27th February, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Penthouse with its airspace, forming part of a block of apartments known as "Fawwara Buildings", Ġużè Fava Street, Sliema, valued at Lm475,000.00c0.

The said tenement is the property of Joecar Limited.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Albert Fenech A&CE on the 10th July, 2003.

Registry of the Superior Courts, today the 26th day of September, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2077

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2005 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subbasta Numru 104/2003 fl-ismijiet:-

Bank of Valletta p.l.c.

vs

Brittania Catering Company Limited

Imħallef: Onor Dott. Geoffrey Valenzia, LL.D.

Il-Qorti,

